

Brussell, 27 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5638/25

COHOM 11
COPS 44
CONUN 17
COASI 16
MAMA 24
COAFR 24
DEVGEN 15
CFSP/PESC 160

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Jannar 2025
lil:	Delegazzjonijiet

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2025
----------	---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2025, approvati mill-Kunsill fl-4075 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Jannar 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2025

1. **Id-drittijiet tal-bniedem** huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, kemm jekk ikunu ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi jew soċjali. Dawn huma essenzjali għad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza, id-demokrazija, il-paċi u l-iżvilupp sostenibbli. Il-paċi u l-prosperità kif ukoll il-kisba tal-SDGs jimxu id f'id mar-rispett għall-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem kollha. Il-kunflitt u l-vjolenza ta' spiss joriġinaw miċ-ċaħda tad-drittijiet tal-bniedem u l-istorja għallmitna li nistgħu biss verament niproteġu l-libertà tagħna stess jekk niproteġu l-libertà tal-oħrajn.
2. L-Unjoni Ewropea tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għar-rispett, il-protezzjoni u l-applikazzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd u kullimkien. Fl-2025, l-UE ser tkompli tirrispetta, tiddefendi u tippromwovi bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem bħala prijetà tal-azzjoni esterna tagħha u tuża kull opportunità f'fora internazzjonali biex tiġġieled il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.
3. L-UE ser tkompli tieħu pożizzjoni b'saħħitha u taġixxi bħala mexxejja fiż-żamma u l-promozzjoni tal-osservanza tad-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tibni fuq l-unità tagħha biex ikollha pożizzjoni aktar b'saħħitha. Fi żmien ta' aktar kunflitt u tensjoni, flimkien ma' xejra allarmanti ta' nuqqas ta' rispett għad-dritt internazzjonali, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għal **multilateraliżmu effettiv u għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli** bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu, li fih il-liġijiet u n-normi huma aktar b'saħħithom mill-kunflitt. L-UE ser ikollha rwol ewlieni fil-promozzjoni tar-riforma tas-sistema internazzjonali u fl-implimentazzjoni tal-Patt għall-Futur u l-annessi tiegħu, li jaffermaw mill-ġdid l-importanza tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tirreżisti kwalunkwe tentattiv biex tħeġġeġ id-diviżjoni jew iddgħajef il-valuri universali u d-dritt internazzjonali. L-UE ser itteni b'mod proattiv li l-pożizzjonijiet tagħha huma bbażati fuq valuri universali u d-dritt internazzjonali, u b'mod konsistenti tiġġieled kontra narrattivi ostili.

4. L-UE ser tkompli **tikkoopera mar-reġjuni kollha tad-dinja**, tisma' t-tħassib leġittimu tas-sħab tagħha, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-istess fehma fir-reġjuni kollha. Ser ikun partikolarment importanti li l-kooperazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem tiġi approfondita u mwessa', inkluż lil hinn minn sħab tradizzjonali tal-istess fehma, u li taġixxi bħala medjatur. L-UE ser tuża s-Summits ippjanati tagħha fl-2025 biex trawwem fehim, azzjoni konġunta u alleanzi, dwar id-drittijiet tal-bniedem f'fora internazzjonali, u tkompli tappoġġa l-mekkaniżmi reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem.
5. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati kollha biex jikkooperaw bis-sħiħ u jaħdmu b'mod kostruttiv mas-**sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU**, inkluż il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-mekkaniżmi tiegħu, it-Tielet Kumitat, il-korpi tat-Trattat, kif ukoll l-aġenziji tan-NU. L-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tagħha biex l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem jopera b'mod indipendenti u b'rizersi suffiċjenti, u tkompli tappoġġa t-tisħiħ tas-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati kollha biex jagħtu lin-NU u l-mekkaniżmi tagħha ta' monitoraġġ tad-Drittijiet tal-Bniedem aċċess mingħajr kundizzjonijiet u mingħajr xkiel għat-territorji tagħhom, jestendu l-istediniet għall-Proċeduri Speċjali tan-NU u mekkaniżmi oħra tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u jiffaċilitaw iż-żjarat tal-pajjiżi tagħhom. L-UE tilqa' l-ħidma mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-metodi ta' ħidma tiegħu u tfakkar li huwa f'idejn il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem li jiddeċiedi dwarhom. L-UE tilqa' wkoll il-koordinazzjoni msaħħa mill-bureaus tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tielet Kumitat biex jiġu żgurati sinerġiji aħjar bejn il-ħidma ta' dawn il-korpi u tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn. Filwaqt li l-ammont ta' xogħol taż-żewġ korpi kiber, id-deċiżjonijiet dwar il-metodi ta' ħidma jenħtieġ li jittieħdu b'mod inklużiv, kunsenswali u kkunsidrat bir-reqqa.

6. L-UE ser tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż ir-**Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem**, biex iġġib bidla u ttejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.
7. L-UE tibqa' impenjata li ttemm l-impunità u tiżgura r-**responsabbiltà** għall-ksur kollu tad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem, u d-dritt umanitarju internazzjonali madwar id-dinja. L-UE ser tkompli tappoġġa sforzi favur investigazzjonijiet indipendenti ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż dawk li jistgħu jitqiesu bħala delitti internazzjonali. L-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tagħha għas-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali, partikolarment il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), kif ukoll l-impenn tagħha li tirrispetta l-Istatut ta' Ruma u tippreserva l-indipendenza u l-integrità tal-QKI. L-UE ser tkompli tikkundanna attakki jew theddid kontra l-Qorti, uffiċjali eletti, persunal u dawk li jikkooperaw mal-Qorti. L-UE ser tipprovdi wkoll l-appoġġ u l-kontribut sħiħ tagħha biex tiżgura l-protezzjoni tal-Qorti u tal-persunal tagħha kontra pressjonijiet jew theddid esterni.

8. L-UE ser iżżomm l-appoġġ qawwi tagħha għall-**aġenda tal-ugwaljanza** permezz tal-fora multilaterali kollha. L-UE ser tippromwovi b'mod vigoruż u żżid l-isforzi għall-**ugwaljanza bejn il-ġeneri**, l-avvanz u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tiżiħ tal-pożizzjoni ta' tagħhom, skont l-impenji internazzjonali tagħha, inkluż bl-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntesti tal-pajjiżi u dawk tematiċi. L-2025 tfakkar it-30 anniversarju tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, u d-69 Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa ser toffri opportunità unika għall-komunità internazzjonali biex taferma mill-ġdid l-impenji tagħha għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tiżiħ tal-pożizzjoni ta' tagħhom. L-UE ser tawvicina d-69 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa b'livell għoli ta' ambizzjoni. F'kuntest ta' għieda dejjem akbar kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-UE ser tkompli taħdem mas-sħab kollha biex tavvanza n-normi u l-istandards internazzjonali. L-UE ser tişaq fuq il-ħtieġa għal approċċ ambizzjuż u trasformattiv sabiex jiġi indirizzati l-kawżi ewlenin u l-fatturi ta' riskju tal-inugwaljanza bejn is-sessi, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet. L-UE ser tkompli tippromwovi l-integrazzjoni sħiħa ta' perspettiva tal-ġeneru f'inizjattivi ta' paċi u sigurtà, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti, permezz tat-tiżiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħiħa, ugħali u sinifikanti tan-nisa u l-bniet fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti matul iċ-ċiklu tal-kunflitt. L-UE ser tuża kull opportunità fil-fora rilevanti kollha, inkluż il-Kummissjoni dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, biex tkompli twettaq dawn l-impenji.

9. L-UE ser tqiegħed il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-**vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru (SGBV)** kemm online kif ukoll offline fiċ-ċentru tal-isforzi tagħha, inkluż l-SGBV relatat mal-kunflitti, il-vjolenza domestika u minn sieħeb intimu, iż-żwieġ tat-tfal, bikri u furzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u prattiki dannużi oħra kontra n-nisa u l-bniet. L-UE ser tippromwovi approċċi min-naħa tas-soċjetà kollha biex tinvolvi lill-irġiel u s-subien bħala alleati u benefiċjarji fl-isforzi biex jiġu eliminati l-inugwaljanzi kollha bejn il-ġeneri, inkluż billi jiġu indirizzati l-liġijiet diskriminatorji, u jiġu miġġielda n-normi soċjali diskriminatorji u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru. L-UE tfakkar fl-impenn tagħha li tappoġġa l-parteċipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikattiva tan-nisa u ż-żgħażaġħ, bid-diversità kollha tagħhom u fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020 - 2027.
10. L-UE ser taħdem biex ittemm u tipprevjeni ksur u abbużi ulterjuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi tappoġġa inizzjattivi rilevanti fit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE ser tkompli tiegħu rwol ewlieni f'**inizzjattivi speċifiċi għall-pajjiż** dwar l-Afganistan, il-Belarużja, il-Burundi, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK), l-Eritrea u l-Myanmar. Ser issegwi mill-qrib l-inizzjattivi dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Georgia inkluż ir-reġjuni separatisti okkupati tal-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinar, il-Haiti, l-Iran, in-Nikaragwa, it-Territorju Palestinjan Okkupat, ir-Rużja, is-Somalja, is-Sudan, is-Sirja, u t-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna, inkluż ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fi djalogi interattivi ma' detenturi ta' mandati ta' proċeduri speċjali u dibattiti biex tiġbed l-attenzjoni għal sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-Etjopja, is-Sri Lanka u l-Jemen.

11. L-UE ser tkompli tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli r-reati mwettqa fil-kuntest tal-gwerra ta' **aggressjoni** illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja **kontra l-Ukrajna** u l-ksur kontinwu min-naħa tar-Russja tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fl-Ukrajna, inkluż detenzjonijiet arbitrarij, deportazzjonijiet illegali, trasferimenti furzati, tortura sistematika u mifruxa, trattament ħażin, ġħajbien furzat, eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, eżekuzzjonijiet ta' prigionieri tal-gwerra, u kampanja intenzjonata kontra l-infrastruttura tal-enerġija u infrastruttura ċivili oħra tal-Ukrajna. L-UE ser tkompli tappella lir-Russja biex ittemm il-prattika illegali ta' deportazzjoni u trasferiment furzat ta' tfal Ukreni u l-adozzjoni illegali tagħhom. L-UE tteġġeġ aktar sforzi biex tiġi żgurata r-responsabbiltà għad-delitti internazzjonali kollha u l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni Russa. L-UE tappoġġa sforzi biex jiġi stabbilit tribunal għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna li jgawdi l-akbar appoġġ u leġittimità transreġjonali. L-UE, bħala Parteċipanta sħiħa fir-Reġistru tad-Danni għall-Ukrajna, ser tkompli taħdem mal-Kunsill tal-Ewropa biex tistabbilixxi mekkaniżmu ta' kumpens komprensiv internazzjonali. Hija tissottolinja l-appoġġ tagħha għall-investigazzjonijiet mill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u t-tiġdid tal-mandat tal-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar l-Ukrajna mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE tilqa' r-ratifika mill-Ukrajna tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali bħala pass importanti 'l quddiem lejn ir-responsabbiltà u tappella biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu fil-leġiżlazzjoni domestika tal-Ukrajna. L-UE ser titlob li r-Russja twaqqaf l-aggressjoni tagħha, tirtira l-forzi kollha u t-tagħmir militari kollu mit-territorju kollu tal-Ukrajna u tirrispetta bis-sħiħ is-sovranià, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment.

12. L-UE ser tkompli tissorvelja u tikkundanna s-sistema strutturali tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni interna sistematika, sponsorjata mill-istat u intensifikata, inkluż l-użu ta' detenzjoni arbitrarja, tortura u trattament ħażin ieħor. L-UE tikkundanna s-soppressjoni ta' vuċijiet kuntrarji, is-soċjetà ċivili, il-media indipendenti u l-gruppi stigmatizzati fil-**Federazzjoni Russa**. L-UE ser tappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha fir-Russja u biex tintemm il-persekuzzjoni tal-oppożizzjoni politika. Ser inqajmu kuxjenza dwar in-nuqqas kontinwu tal-istat tad-dritt u nappellaw lir-Russja biex tabolixxi l-leġiżlazzjoni repressiva tagħha u ttemm l-użu ħażin politiku tal-ġudikatura. L-UE ser tkompli thegġegħ lir-Russja biex tikkoopera bis-sħiħ mal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u reġjonali kollha u mal-Proċeduri Speċjali kollha relatati mas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa.
13. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa l-ksur gravi, sistematiku u mifrux tad-drittijiet tal-bniedem fil-**Belarussja**. L-UE ser thegġegħ lill-awtoritajiet Belarussi biex iwaqqfu r-repressjoni interna tagħhom u biex immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet jeħilsu u jirriabilitaw il-priġunieri politiċi kollha. L-UE ser tkompli thegġegħ lill-awtoritajiet Belarussi jikkooperaw bis-sħiħ mal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser thegġegħ lill-awtoritajiet Belarussi biex iwaqqfu l-involviment tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u biex iwaqqfu l-istrumentalizzazzjoni tagħhom tal-migranti għal skopijiet politiċi, fkompliċità mar-Russja. L-UE ser thegġegħ ukoll lill-awtoritajiet Belarussi biex jabolixxu l-piena tal-mewt u biex, bħala l-ewwel pass, jintroduċu moratorju. L-UE ser taħdem biex tiżgura li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qed tiddeterjora fil-Belarussja tibqa' prominenti fuq l-aġenda tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem.

14. L-UE tilqa' bi pjaċir il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied f'**Gaża**, li ser jippermetti l-ħelsien gradwali tal-ostaġġi, itemm l-ostilitajiet u jtaffi t-tbatija umanitarja f'**Gaża**. L-UE tilqa' l-fatt li l-ostaġġi, fosthom diversi ċittadini tal-UE, ser jerġgħu jingħaqdu mal-familji tagħhom u li l-ġhajjnuna umanitarja tant meħtieġa ser tilħaq lill-persuni ċivili f'**Gaża**. Huwa vitali li l-ftehim jiġi implimentat bis-sħiħ biex l-ostaġġi kollha jkunu jistgħu jinħelsu, u biex jiġi żgurat tmiem permanenti għall-ostilitajiet. L-UE ser tappella għal aċċess sħiħ u mingħajr xkiel għall-ġhajjnuna umanitarja għall-Istrixxa ta' **Gaża** u li l-ġhajjnuna tista' titqassam b'mod effettiv lil dawk fil-bżonn, fosthom mill-aġenziji tan-NU u b'mod partikolari l-UNRWA. L-UE ser tkompli tikkundanna bl-aktar termini qawwija possibbli l-attakki terroristiċi brutali mwettqa mill-Hamas kontra **Iżrael** fis-7 ta' Ottubru 2023. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-familji tal-vittmi u l-ostaġġi meħuda mill-Hamas. L-UE tiddeplora l-ġhadd inaċċettabbli ta' vittmi ċivili, speċjalment tfal u nisa, f'**Gaża** u fix-Xatt tal-Punent, kif ukoll il-konsegwenzi katastrofiċi tad-dħul insuffiċjenti ta' ġhajjnuna f'**Gaża**, inkluż ir-riskju ta' karestija. L-UE thegġegħ lill-partijiet kollha jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, u tinnota li trid tintrefa' r-responabbiltà għall-ksur tad-dritt internazzjonali. L-UE ser tfakkar fil-ħtieġa li jiġu implimentati bis-sħiħ l-ordnijiet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, li huma legalment vinkolanti. Fix-Xatt tal-Punent, l-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa l-vjolenza tal-abitanti estremisti tal-insedjamenti, u l-espansjoni tal-insedjamenti illegali, inkluż id-demolizzjonijiet li għaddejjin bħalissa. L-insedjamenti huma illegali skont id-dritt internazzjonali. L-UE ser tappella għall-kooperazzjoni mal-mekkaniżmi kollha tan-NU u r-rispett għall-obbligi kollha tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE tikkundanna kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tibqa' impenjata għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. Fil-**Libanu**, l-UE ser tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-waqfien mill-ġlied u tappella lill-partijiet kollha biex jimplimentaw bis-sħiħ il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied u r-risoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, sabiex jiġi żgurat ir-ritorn sikur ta' popolazzjonijiet spostati fuq iż-żewġ naħat. L-UE ser tappella lill-partijiet kollha biex jipproteġu u jappoġġaw il-mandat tal-UNIFIL.

15. L-UE ser tikkundanna bil-qawwa l-ksur u l-abbużi sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem fl-**Afganistan**, b'mod partikolari d-diskriminazzjoni estrema bbażata fuq il-ġeneru mit-Taliban kontra n-nisa u l-bniet, li jaf tkun persekuzzjoni tal-ġeneru, li hija delitt kontra l-umanità skont l-Istatut ta' Ruma tal-QKI li l-Afganistan huwa Stat firmatarju tiegħu. Dan jinkludi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, iċ-ċaħda tad-dritt għall-edukazzjoni għal kulħadd, il-libertà tal-espressjoni, ta' moviment u tax-xogħol, u l-limitazzjoni severa tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-isferi kollha tas-soċjetà u l-ħajja pubblika, inkluż il-projbizzjoni fuq in-nisa milli jaħdmu għall-NGOs u n-NU, l-hekk imsejħa Liġi dwar il-Propagazzjoni tal-Virtù u l-Prevenzjoni tal-Vizzju u d-deċiżjoni reċenti tas-sospensjoni tal-aċċess għall-edukazzjoni għan-nisa u l-bniet fl-istituzzjonijiet mediċi privati u pubbliċi. L-UE ser tenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali, sinifikanti u sikura tan-nisa u l-bniet fl-isferi kollha tas-soċjetà u l-ħajja pubblika. L-UE ser tappella wkoll għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi inkluż minoranzi etniċi u reliġjużi, bħall-Hazara, kif ukoll il-persuni LGBTI. L-UE ser tappoġġa l-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA) taħt il-mandat komprensiv tagħha b'komponent qawwi tad-drittijiet tal-bniedem u l-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, kif ukoll il-ħatra tal-Mibgħut Speċjali tan-NU għall-Afganistan f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2721 (2023) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. L-UE ser tkompli tissottolinja r-responsabbiltà tat-Taliban biex jiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-protezzjoni u t-twettiq tagħhom, u tiżgura assistenza umanitarja u r-rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE ser timpenja ruħha b'mod proattiv fl-esplorazzjoni ta' mekkaniżmi ta' responsabbiltà addizzjonali possibbli li jistgħu jipprovdu valur miżjud ċar. Ser tappella lit-Taliban biex jirrispetta l-obbligi taħt il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal li l-Afganistan huwa parti fiha.

16. L-UE ser ittenni t-tħassib serju tagħha dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem **fiċ-Ċina**, inkluż fit-Tibet, il-Mongolja Interna, Hong Kong u Xinjiang. L-UE ser thegħgeġ liċ-Ċina biex tikkoopera b'mod effettiv mal-Kummissarju Għoli tan-NU u l-Uffiċċju tiegħu, u mal-mekkaniżmi internazzjonali kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż lejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapport ta' valutazzjoni dwar it-tħassib fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem f'Xinjiang. L-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lit-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari tal-opinjoni u l-espressjoni, l-assoċjazzjoni u l-assemblea paċifika, il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, inkluż id-dritt ta' gruppi reliġjużi li jmexxu l-attivitajiet bażiċi tagħhom mingħajr interferenza u jagħżlu liberament il-mexxejja reliġjużi tagħhom, kif ukoll lill-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, il-preservazzjoni tal-identità kulturali, u t-tmiem tal-użu tax-xogħol furzat. L-UE ser tkompli tissorvelja mill-qrib każijiet individwali ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem inkluż dawk involuti f'mekkaniżmi tan-NU. Ser thegħgeġ liċ-Ċina biex tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, inkluż il-poplu ta' Hong Kong, kif ukoll l-Ujguri, it-Tibetani u persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi, reliġjużi, lingwistiċi u oħrajn. L-UE ser ittenni t-tħassib tagħha rigward l-impenji internazzjonali preċedenti taċ-Ċina relatati ma' Hong Kong. L-UE tinsab lesta li taħdem maċ-Ċina, fejn possibbli, u b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem universali, pereżempju fuq kwistjonijiet bħad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali f'fora multilaterali.
17. L-UE ser tappella lir-**Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK)** biex tindirizza s-sejbiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta tal-2014 dwar il-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem tagħha, u biex tinvolvi ruħha b'mod sinifikattiv fis-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU. L-UE ser tkompli tappella lir-RDPK biex taċċetta offerti ta' dialogu u biex terġa' tinvolvi ruħha mal-komunità internazzjonali, inkluż permezz tar-ritorn ulterjuri ta' persunal diplomatiku u umanitarju lejn ir-RDPK. Ser thegħgeġ lir-RDPK biex tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa d-drittijiet tal-bniedem, u biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw miċ-ċiklu tal-EPU tal-2024.

18. L-UE ser tkompli tikkundanna l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-**Iran** u thegġegħ lill-awtoritajiet Iranjani biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet u l-persuni li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi u etniċi. L-UE ser tappella lill-gvern Iranjan biex iwaqqaf l-eżekuzzjonijiet u jsegwi politika konsistenti lejn l-abolizzjoni tal-piena kapitali u biex jikkoopera bis-siġħ mal-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU, b'mod partikolari l-Missjoni Indipendenti ta' Tiftix tal-Fatti u r-Rapporteur Speċjali tan-NU għall-Iran. Ser thegġegħ ukoll lill-Iran biex jeħles l-individwi kollha detenuti b'mod arbitrarju, inkluż ċittadini barranin u dawk b'ċittadinanza doppja, biex jagħmel il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni konformi mal-istandards internazzjonali u biex jipprovdi proċess dovut lid-detenuti kollha.
19. L-UE ser tappella għat-tmim tal-vjolenza kollha kontra ċ-ċivili mill-militar, il-ħelsien tal-priġunieri kollha detenuti arbitrarjament b'mod partikolari bħala konsegwenza tal-kolp ta' stat militari tal-2021, u għall-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni paċifika fil-**Myanmar/Burma**. Hija ser tappella għall-istabbiliment rapidu ta' perkors demokratiku trasparenti, inklużiv u kredibbli u ser tappoġġa l-isforzi tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-ASEAN f'dan ir-rigward u thegġegħ l-implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjoni 2669 (2022) tal-KSNU. Hija ser tappella għal koerenza akbar tal-pożizzjonijiet fis-sistema tan-NU, speċjalment permezz tas-simplifikazzjoni tal-azzjonijiet mid-diversi detenturi ta' mandati u aġenziji tan-NU fuq il-post. Hija ser tkompli tippromwovi l-ġustizzja u r-responsabbiltà għall-ksur u l-abbużi gravi kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-vjolenza sesswali u marbuta mal-ġeneru relatata mal-kunflitt. Ser titlob aċċess umanitarju sħiħ, sikur u mingħajr xkiel għall-persuni kollha fil-bżonn. L-UE ser tkompli tippromwovi t-tnaqqis tal-vjolenza u treġġa' lura l-militarizzazzjoni li qed tiżdied tal-popolazzjoni ċivili inkluż ir-Rohingya f'Rakhine u l-kampijiet tar-refuġjati. L-UE ser tkompli tappoġġa u tappella għat-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' responsabbiltà u l-użu tagħhom, inkluż il-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Indipendenti għall-Myanmar (IIMM), biex tappoġġa l-proċessi legali rapidi dovuti.

20. Fis-**Sudan**, l-UE ser tkompli tikkundanna l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru fuq skala kbira u l-ksur tad-drittijiet tat-tfal. L-UE ser tappella lill-partijiet kollha biex iwaqqfu minnufih l-ostilitajiet u jiddefendu u jirrispettaw id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u tinsisti fuq aċċess umanitarju mingħajr xkiel u l-protezzjoni tal-ħaddiema umanitarji. L-UE ser tiffoka fuq l-iżgurar tar-responsabbiltà fir-rigward tad-delitti atroċi mwettqa fil-pajjiż kollu u bnadi oħra, inkluż ħafna li jistgħu jammontaw għal delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità. L-UE ser tappoġġa l-ħidma tal-QKI u n-NU u tappella lis-Sudan biex jikkoopera mal-Espert Indipendenti fis-Sudan u l-Missjoni ta' Tiftix tal-Fatti Internazzjonali Indipendenti dwar is-Sudan.
21. Il-waqgħa tar-reġim kriminali ta' Assad timmarka mument storiku għall-**poplu Sirjan**, li għadda minn tbatija immensa u wera reżiljenza straordinarja waqt li tħabab għad-dinjità, il-libertà u l-ġustizzja. Kulħadd irid ikollu l-opportunità li jgħaqqad mill-ġdid, jistabbilizza u jibni mill-ġdid lil pajjiżu, jirrestawra l-ġustizzja u jiżgura l-irfiġh tar-responsabbiltà. Il-ġustizzja tranżizzjonali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ser ikunu kruċjali biex jinkisbu paċi u rikonċiljazzjoni sostenibbli. Il-partijiet kollha responsabbli għall-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali (IHL) jew għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem iridu jinżammu responsabbli. Id-delitti kollha u l-ksur kollu tal-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-partijiet għall-gwerra ċivili fis-Sirja għandhom jiġu investigati fil-kuntest tal-ġustizzja tranżizzjonali. L-UE thegġegħ lill-atturi kollha biex jevitaw kwalunkwe vjolenza ulterjuri, biex jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, u biex jirrispettaw id-dritt internazzjonali, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal. Inħeġġu l-protezzjoni taċ-ċivili kollha mingħajr distinzjoni, inkluż persuni li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi u etniċi. Huwa imperattiv li l-partijiet ikkonċernati kollha jimpenjaw ruħhom fi djalogu inklużiv, immexxi mis-Sirjani u li jappartjeni għas-Sirjana dwar il-kwistjonijiet ewlenin kollha biex tiġi żgurata tranżizzjoni ordnata, paċifika u inklużiva, appoġġata min-NU u konformi mal-prinċipji ewlenin tar-riżoluzzjoni 2254 tal-KSNU. L-UE ser tesprimi l-appoġġ kontinwu tagħha għall-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta (CoI), il-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparzzjali u Indipendenti (IIIM) u l-Istituzzjoni Indipendenti dwar Persuni Nieqsa fir-Repubblika Għarbija Sirjana (IIMP).

22. L-UE ser taħdem mas-sħab tagħha biex tiżgura tranżizzjoni demokratika paċifika u inklużiva fil-Venezwela, li tirrifletti r-rieda tal-**poplu Venezweljan**. L-UE ser tippromwovi proċess ta' dialogu mmexxi mill-Venezweljani li jista' jwassal għal soluzzjoni paċifika u demokratika għall-kriżi multidimensjonali. L-UE ser tappella biex jintemmu d-detenzjonijiet arbitrarij, fosthom ta' ċittadini b'nazzjonalità doppja u barranin, u r-ripressjoni politika, speċjalment lejn id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u għall-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha u r-rispett sħiħ tal-libertajiet fundamentali, bħal-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda. L-UE thegġegħ lill-Venezwela biex timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll il-Missjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Tiftix tal-Fatti tan-NU dwar il-Venezwela.
23. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-**Haiti** fl-indirizzar tal-kriżi umanitarja tiegħu, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-vjolenza estrema minn gruppi kriminali armati, u r-restawr tad-demokrazija u l-istat tad-dritt.
24. L-UE ser tikkundanna bil-qawwa l-vjolenza kontra dimostranti paċifiċi, politiċi u rappreżentanti tal-media fil-**Georgia**. L-UE ser tappella lill-awtoritajiet biex jirrispettaw id-dritt għal-libertà tal-għaqda u tal-espressjoni, u joqogħdu lura milli jużaw il-forza. L-UE ser tappoġġa inizjattivi biex jiġu investigati l-atti kollha ta' vjolenza u biex daww responsabbli jpattu ta' għemilhom.
25. L-UE ser issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan, u ser tkompli tappoġġa paċi sostenibbli u dejjiema bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan.
26. **It-Turkija**, bħala pajjiż kandidat tal-UE u membru għal bosta snin tal-Kunsill tal-Ewropa, hija mistennija taderixxi mal-impenji rispettivi tagħha.
27. L-UE ser taħdem dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ tar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha. L-UE ser timpenja ruħha b'mod kostruttiv **dwar l-inizjattivi tematiċi** ppreżentati fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Assemblea Ġenerali tan-NU. L-UE ser tmexxi rizzoluzzjonijiet tematiċi dwar il-Libertà tar-reliġjon u t-twemmin u d-Drittijiet tat-tfal.

28. Dwar it-**teknoloġiji diġitali u l-intelliġenza artifiċjali**, huma meħtieġa salvagwardji b'saħħithom biex tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż f'fora multilaterali u b'diversi partijiet ikkonċernati. L-UE ser tippromwovi b'mod attiv id-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi fl-ispazju diġitali. L-UE ser tkompli tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-isfera diġitali, inkluż dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, u teknoloġiji ġodda u emerġenti oħra. Dan jinkludi l-promozzjoni ta' internet miftuħ, liberu, inklużiv, sikur, globali, interoperabbli u sigur għal kulħadd u s-salvagwardja tal-pedament tiegħu ta' diversi partijiet ikkonċernati, u għar-rispett tal-privatezza, u l-promozzjoni tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Filwaqt li tibni fuq il-Patt Diġitali Globali, l-UE ser tappella lill-Istati kollha biex jipproteġu l-ispazju ċiviku online u jipprevjenu l-ġheluq tal-internet u ċ-ċensura online, is-sorveljanza illegali, id-diskors ta' mibegħda online, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni, id-diżinformazzjoni u ċ-ċiberkriminalità, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Biex tagħmel dan, l-UE ser twessa' u tapprofondixxi b'mod attiv is-sħubijiet ma' pajjiżi u reġjuni tal-istess fehma, u ser tkompli tinvolvi ruħha mas-settur privat, is-soċjetà ċivili u d-dinja akkademika. L-UE ser taħdem mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) u sħab ewlenin oħra, bħall-Kunsill tal-Ewropa, il-UNESCO, l-ITU u l-uffiċċju għat-Teknoloġiji Diġitali u Emerġenti, biex timplimenta l-Patt Diġitali Globali.
29. L-UE ser issaħħaħ l-appoġġ tagħha biex tiddefendi d-dritt għal-**libertà ta' opinjoni u espressjoni** kemm online kif ukoll offline. Ser tibqa' determinata fl-appoġġ tagħha għal-libertà tal-media u d-dritt tal-ġurnalisti u tal-ħaddiema tal-media li jaħdmu f'kundizzjonijiet sikuri, mingħajr biża' ta' fastidju, theddid u vjolenza. L-UE ser taħdem biex tiġġieled il-manipulazzjoni tal-informazzjoni barranija u ssaħħaħ l-integrità tal-informazzjoni, inkluż id-dritt ta' aċċess għal informazzjoni rilevanti, affidabbli u preċiża. Fid-dawl tar-restrizzjonijiet dejjem akbar fuq l-ispazju ċiviku, l-UE ser tipproteġi u tippromwovi d-dritt **għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni**.

30. L-UE ser tappoġġa, tippromwovi u tagħti s-setgħa b'mod attiv lil **soċjetà ċivili** diversifikata u indipendenti, filwaqt li tippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikattiva tagħhom fil-fora kollha tan-NU. L-UE ser tikkundanna bil-qawwa kwalunkwe forma ta' rappreżalji kontra d-**difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB)** u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż dawk li jikkooperaw man-NU fi kwalunkwe forma. L-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lir-riskji speċifiċi ffaċċjati minn ċerti kategoriji ta' DDB li spiss ikunu soġġetti għal diskriminazzjoni, vjolenza u fastidju, u ser tkun attur ewlieni fil-promozzjoni ta' ambjent mingħajr periklu u abilitanti għas-soċjetà ċivili u d-DDB kollha, inkluż dawk fl-eżilju. L-UE ser tagħti attenzjoni speċjali lit-theddid kontra d-DDB u l-atturi tas-soċjetà ċivili, inkluż ir-repressjoni online, u r-repressjoni tranżnazzjonali. L-UE ser topponi wkoll il-miżuri legali u amministrattivi li jnaqqsu l-ispazju ċiviku, pereżempju l-ostakli għar-reġistrazzjoni ta' NGOs, restrizzjonijiet fuq l-aċċess għar-riżorsi, regoli onerużi ta' skrutinju u rekwiżiti ta' rappurtar li jkunu ta' piż. L-UE ser taħdem mill-qrib mal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-Proċeduri Speċjali biex tiżgura li l-ilħna tas-soċjetà ċivili u tad-DDB jinstemgħu.
31. L-UE ser tfakkar fil-pożizzjoni ta' prinċipju tagħha kontra l-**piena tal-mewt f'kull każ u f'kull ċirkustanza**, u tappella lill-pajjiżi kollha li fadal li għadhom japplikaw il-piena tal-mewt biex jabolixxuha, jew iżommu jew jintroduċu moratorju bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni. L-UE ser tikkundanna bil-qawwa u b'mod inekwivoku l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt, b'mod partikolari f'każijiet li jiksru l-istandards minimi internazzjonali, u tappoġġa bil-qawwa r-riżoluzzjonijiet fl-HRC u l-AĠNU, li jenfasizzaw l-effetti inkwetanti fuq id-drittijiet tal-bniedem ta' din il-piena krudili, inumana u degradanti. L-UE ser tippromwovi r-ratifika ulterjuri tat-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi.
32. L-UE ser tesprimi tħassib dwar iż-żieda fl-użu tat-**tortura** jew tat-trattament ħażin bħala metodu biex jiġi eliminat id-dissens politiku u biex jiġi ristrett l-ispazju ċiviku. L-UE ser tenfasizza l-kummerċ ħieles mit-tortura bħala pass kruċjali lejn l-eliminazzjoni sħiħa tiegħu, u ser tikkunsidra passi ulterjuri biex jiġi pprojbit il-kummerċ globali ta' oġġetti użati għal dan l-għan.

33. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-forom kollha ta' **diskriminazzjoni**, u ser tintensifika l-azzjoni biex tindirizzahom, b'attenzjoni speċifika għal diversi forom u forom kumulattivi ta' diskriminazzjoni, fosthom abbażi ta' sess, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE ttenni l-impenn tagħha favur l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, favur id-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa sħiħa ta' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u favur il-protezzjoni ta' min jinsab f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha li tirispetta, tipproteġi u tirrealizza t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni LGBTI u tesprimi t-tħassib profond tagħha dwar ir-rati allarmanti ta' vjolenza, diskriminazzjoni u stigmatizzazzjoni, u dwar il-kriminalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess. L-UE ser tinvolvi ruħha fil-mandati tan-NU li jiffukaw fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza u kull forma ta' diskriminazzjoni u ser tkompli tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tan-NU b'rabta ma' dan.
34. L-UE tibqa' impenjata li tintegra d-**drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà** f'punti differenti tal-aġenda u l-ħidma tal-istituzzjonijiet multilaterali, u li tiżgura li l-persuni kollha b'diżabbiltà jgawdu drittijiet ugwali għal parteċipazzjoni u inklużjoni sħaħ, effettivi u sinifikanti fl-aspetti kollha tal-ħajja soċjali, kulturali, edukattiva, ekonomika, ċivili u politika.
35. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati kollha biex jirrispettaw, jipproteġu u jissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni kollha li jappartjenu għal **minoranzi** nazzjonali jew etniċi, reliġjużi, u lingwistiċi, inkluż fil-fora rilevanti kollha. L-UE ser tippromwovi d-dritt tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv fil-ħajja kulturali, reliġjuża, soċjali, ekonomika u pubblika. L-UE ser topponi kull forma ta' inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda, u d-diskors ta' mibegħda, online u offline, filwaqt li tippreserva d-drittijiet għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni.

36. L-UE ser iżżid l-azzjoni biex tippromwovi t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-**persuni akbar fl-età** u biex jiġi indirizzat l-etaiżmu. L-UE ser tkompli timpenja ruħha mal-korpi rilevanti tan-NU biex issaħħaħ il-protezzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni akbar fl-età.
37. L-UE ser tkompli tiddefendi d-**drittijiet tat-tfal**, filwaqt li tagħti prijorità lill-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza, inkluż online, u l-aċċess universali għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni speċjali lit-tfal affettwati minn konflitt armat, filwaqt li ssaħħaħ il-koordinazzjoni mal-mekkaniżmi tan-NU, f'konformità mal-Linji Gwida aġġornati tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati. L-UE ser tkompli taħdem biex jinqerdu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra t-tfal.
38. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn b'saħħtu tagħha għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-**dritt għal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin** għall-individwi kollha madwar id-dinja. L-UE ser tippromwovi u tipproteġi d-dritt ta' kull individwu li jkollu jew ma jkollux reliġjon jew twemmin, li juri jew li jbidel ir-reliġjon jew it-tweemmin tiegħu, filwaqt li tikkundanna l-kriminalizzazzjoni tal-apostażija u l-abbuż tal-liġijiet dwar il-blasfemija. L-UE ser tikkundanna d-diskriminazzjoni, l-intolleranza, il-vjolenza, u l-persekuzzjoni abbażi ta' reliġjon jew ta' twemmin, u tiċhað kwalunkwe forma ta' inċitament għal mibegħda reliġjuża.
39. L-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv fl-inizjattivi kollha relatati mal-ġlieda kontra kwalunkwe forma ta' **razziżmu**, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza assoċjata magħhom fid-dinja kollha, filwaqt li tqis il-pożizzjoni fit-tul tagħha dwar il-hteġa li tiġi żgurata r-ratifika universali u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, kif ukoll il-hteġa għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban u li jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati, fejn meħtieġ, il-mekkaniżmi ta' segwitu tagħha. L-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod sinifikanti fin-negozjati dwar abbozz ta' Dikjarazzjoni tan-NU dwar ir-rispett, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni ta' dixxendenza Afrikana.

40. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata favur s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (**SRHR**), f'dan il-kuntest. B'dan il-ħsieb, l-UE ttenni l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi għall-kura tas-saħħa.
41. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn b'saħħtu tagħha li tirrispetta, tipproteġi u tirrealizza d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali (**ESCR**) kollha, inkluż id-dritt għall-edukazzjoni, l-ikel, is-saħħa, is-sigurtà soċjali, l-akkomodazzjoni xierqa u x-xogħol deċenti, u li tappoġġa l-inizjattivi rilevanti f'dan ir-rigward. Hija ser tinvolvi ruħha b'mod attiv f'diskussjonijiet dwar l-ekonomija tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż kif l-għażliet u l-politiki ekonomiċi jagħtu prijorità lid-dinjità tal-bniedem u l-ugwaljanza, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Ser tkompli tappoġġa l-aċċess universali għal ilma tax-xorb sikur, suffiċjenti u affordabbli, għas-sanità u l-iġjene, u tenfasizza d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dawk l-oqsma. Ser tkompli tippromwovi d-dritt għall-edukazzjoni, il-konfluwenza mal-aġenda diġitali, l-inklużjoni soċjali u diġitali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, u n-nondiskriminazzjoni. L-UE ser tkompli tippromwovi d-drittijiet kulturali u l-protezzjoni tal-wirt kulturali.

42. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-OHCHR u mal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar **in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem** biex tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UNGP) madwar id-dinja. Hija ser tkompli tappoġġa l-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali fl-Istati Membri u l-pajjiżi sħab, u tiżviluppa Qafas komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-UNGP. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u l-ġlieda kontra x-xogħol furzat jipprovdu bażi importanti għal impenn imsaħħaħ tal-UE fin-NU, b'mod partikolari fir-rigward ta' strument legalment vinkolanti bbażat fuq il-kunsens dwar in-negożju u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż konsultazzjonijiet tematiċi intersessjonali. Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi u jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti globali, huwa importanti li jsir sforz għal kunsens wiesa' u transreġjonali bejn l-istati membri tan-NU.
43. Filwaqt li tirrikonoxxi l-impatt tat-**tibdil fil-klima**, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni ambjentali u t-tniġġis fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, l-UE ser tkompli tinvolvi ruħha mas-sħab madwar id-dinja biex tisfrutta approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem biex issaħħaħ l-isforzi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-UE ser tfakkar l-obbligi tal-Istati bħala dawk responsabbli mid-dmir f'dan ir-rigward u ser tiffoka fuq dawk id-detenturi tad-drittijiet li huma l-aktar vulnerabbli għall-effetti tal-kriżi planetarja tripla. L-UE ser tippromwovi r-rwol importanti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-ambjent u tad-drittijiet tal-popolazzjonijiet indiġeni u tappoġġa miżuri biex tiproteġihom. L-UE ser timpenja ruħha attivament f'diskussjonijiet li għandhom l-għan li javvanzaw id-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli. Ser tippromwovi miżuri kuraġġużi u urġenti meħtieġa bħala parti mit-tranżizzjoni ekoloġika li jkunu ġusti u inklużivi.

44. L-UE ser tkompli tippromwovi d-drittijiet tal-**Popli Indigēni** kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indigēni u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u f'dan ir-rigward ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-fora kollha rilevanti fejn jiġu diskussi d-drittijiet tal-Popli Indigēni. L-UE ser tkompli tkun involuta b'mod attiv f'kull sforz biex tittejjeb il-parteċipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikanti tar-rappreżentanti u l-istituzzjonijiet tal-Popli Indigēni fil-korpi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-laqgħat tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, fuq kwistjonijiet li jaffettwawhom. L-UE ser tisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni tad-DDB tal-Popli Indigēni inkluż fil-kuntest tal-art u r-riżorsi naturali u l-protezzjoni tal-ambjent, il-bijodiversità u l-klima, u li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem mingħajr biża' ta' rappreżalji. L-UE ser tippromwovi l-parteċipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikanti u l-kapaċità ta' tmexxija tan-nisa indigēni. L-UE ser tissottolinja l-importanza li t-tfal indigēni jingħataw aċċess għall-edukazzjoni bil-lingwa u l-kultura tagħhom stess.
45. L-UE ser tkompli bl-isforzi tagħha biex teqred il-faqar u tikseb żvilupp sostenibbli u inklużiv, b'mod li jippromwovi r-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha, mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi. L-UE ser tfakkar fir-riżervi tagħha rigward l-abbozz attwali ta' strument legalment vinkolanti dwar id-**dritt għall-iżvilupp**, filwaqt li tkompli tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv f'dan il-fajl, inkluż fi kwalunkwe diskussjoni futura dwar abbozz ta' strument legalment vinkolanti. F'dan ir-rigward, hija ser tkompli tippromwovi l-prinċipju tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, tirrifjuta approċċi li ma jikkonformawx bis-sħiħ mal-liġi tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali jew li jistgħu jimminaw l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem tal-Istati billi tqiegħed id-dritt għall-iżvilupp fuq drittijiet tal-bniedem oħra, u tappoġġa l-fatt li kull individwu jkun rikonoxxut dejjem u kullimkien bħala d-detentur tad-drittijiet, filwaqt li l-Istati jkollhom ir-responsabbiltà u l-obbligi primarji għat-twettiq sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem kollha.

46. L-UE ser tkompli żżid l-azzjoni biex tiddefendi d-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tar-**refuġjati, il-persuni spostati internament u l-migranti**, b'mod partikolari d-dritt fundamentali li jfittxu ažił u l-prinċipju ta' non-refoulement, u b'attenzjoni partikolari għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-UE ser tkompli toffri opportunitajiet għal perkorsi legali għall-migrazzjoni filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali. L-UE ser tappella lill-Istati kollha biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra t-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tiġġieled l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti għal finijiet politiċi, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali. L-UE mhi ser tippermetti lill-ebda pajjiż jabbuża mill-valuri tagħha, inkluż id-dritt għall-ažił, u li jimmina d-demokraziji tagħha.
47. L-UE ser tappella lill-Istati kollha biex jiżguraw li **r-rispons għat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata**, inkluż l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, ikun f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali.
48. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha li tagħmel progress fl-eliminazzjoni tal-**għajbien furzat**, filwaqt li tibni fuq il-kisbiet tal-Ewwel Kungress Dinji dwar l-Għajbien Furzat.
-